14 JULY 2021

repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

Repubblika Newsletter Issue 02



photo credit: Repubblika

## Other articles in this issue


Vigil June 2021 - 3

Press Conference Transcript - 4


# Repubblika June/July 2021 Roundup

### Press Releases

**15 Ġunju 2021**
***Niġġieldu l-Korruzzjoni fl-Elezzjonijiet Tagħna***

https://repubblika.org/mt/press-release/niggieldu-l-korruzzjoni-fl-elezzjonijiet-taghna/

https://www.facebook.com/watch/?v=3588695894689260

**18 Ġunju 2021**
***Repubblika b'Ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija Dwar Ksur tal-Liġi Elettorali***

https://repubblika.org/mt/press-release/repubblika-bittra-lill-kummissarju-tal-pulizija-dwar-ksur-tal-ligi-elettorali/

**24 Ġunju 2021**
***Ittra lill-Prim Ministru Robert Abela dwar il-greylisting mill-FATF***

https://repubblika.org/mt/press-release/ittra-lill-prim-ministru-robert-abela-dwar-il-greylisting-mill-fatf/

**25 Ġunju 2021**
***Rikors Kostituzzjonali ta' Repubblika dwar il-Korruzzjoni fil-Kuntratt tal-Electrogas***

https://repubblika.org/mt/press-release/rikors-kostituzzjonali-ta-repubblika-dwar-il-korruzzjoni-fil-kuntratt-tal-electrogas/

**28 Ġunju 2021**
***Nipproponu li l-forzi politiċi ta' pajjiżna jwelldu GVERN TA' SOLIDARJETÀ NAZZJONALI***

https://repubblika.org/mt/press-release/nipproponu-li-l-forzi-politici-ta-pajjizna-jwelldu-gvern-ta-solidarjeta-nazzjonali/

https://www.facebook.com/361092834465191/videos/325905529244669

**01 Lulju 2021**
***Repubblika tappoġġja lit-Times of Malta***

https://repubblika.org/mt/press-release/repubblika-tappoggja-lit-times-of-malta/

**05 Lulju 2021**
***Diskors tal-President ta' Repubblika Dr Robert Aquilina waqt Press Conference illum quddiem il-Parlament, il-Belt Valletta***

https://repubblika.org/mt/press-release/diskors-tal-president-ta-repubblika-dr-robert-aquilina-waqt-press-conference-illum-quddiem-il-parlament-il-belt-valletta/

https://www.facebook.com/361092834465191/videos/189609303109805

***Aktar dettalji paġna 4***


photo credit: Jon Borg



photo credit: Jon Borg

**Repubblika Live**
**Facebook Live Broadcasts**

**11.06.21** Niddiskutu l-promozzjonijiet fl-AFM

**17.06.21** Niddiskutu Elezzjonijiet ħielsa u Occupy Justice quddiem il-parlament

**01.07.21** Niddiskutu Malta fuq il-grey list u gvern ta' solidarjetà nazzjonali

**01.07.21** Niddiskutu Il-PM u Rosianne Cutajar; L-inazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija

"

*"Lil Robert Abela ma nixbgħu qatt infakkruh li hu Prim Ministru biss għax aħna nżilna fit-toroq u rnexxielna nneħħu lil ta' qablu, minkejja li riedha ta' Invictus."*

# 16 June 2021 Vigil Roundup

### #44Months

**Alessandra Dee Crespo**
***President-Eletta, Repubblika***
"Kif nistgħu nkunu l-aqwa fid-dinja meta ġurnalista li kixfet il-korruzzjoni ta' sħabek inqatlet u għadek ma rrokonoxxejtx, mhux int biss, imma kull min hu u kien fil-Gvernijiet Laburisti ta' dawn l-aħħar 8 snin, li Daphne Caruana Galizia nqatlet għax ma ħallitilkomx lixxa u kixfet il-qerq u s-serq u ħallset b'ħajjitha?"

https://www.youtube.com/watch?v=NW7kz_o7OE0

**Lizzie Eldridge**
***Activist, #occupyjustice***
"Because no matter the ugliness she exposed, Daphne's search for truth was a quest for beauty. Each time we repeat the words 'Daphne was right' – because Daphne IS right – we confirm the truth of her investigations AND her beauty. The beauty of her refusal to give in to the forces of corruption. The beauty of her ability to always stand up for that which is right."

https://www.youtube.com/watch?v=34OWyOYi0Y0

***Feel free to share our newsletter.***

***Click here to become a member :***
***https://repubblika.org/membership-form/***

"

*Xejn m'hu aktar maghruf minn Daphne ta' Malta.*

**Kevin Cassar**
***Professur u Attivist***
"Bħal fl-Assedju l-Kbir u t-tieni gwerra, Malta waslet biex iċċedi quddiem is-setgħa tal-gideb u l-ħabi. Is-sagrifiċċju tal-ħajja ta' Daphne jaf jiswa fix-xejn. Qatt qabel ma kien hemm bzonn akbar tat-tama, iċ-ċivilta' u l-kuraġġ. Daphne - li ma bezgħet minn xejn u minn ħadd - biex issieltet għal art twelidha hija x-xempju ta' Malta.

Xejn m'hu aktar magħruf minn Daphne ta' Malta."

https://www.youtube.com/watch?v=DIzlz9exib8

**Renato Camilleri**
***Attivist, Repubblika***
"Dan għaliex nies bħal Daphne, nies li jaħsbu, jinvestigaw u jfittxu l-verita', huma meqjusa perikolużi fis-soċjeta tagħna.  Imbasta ħafna kliem fierah minn xi Evarist Bartolo fuq l-edukazzjoni, l-ħsieb ħiesles u kritku. Imbagħad kellna role model bħal dik u kienu u għadhom jagħtuha bis-sieq."

https://www.youtube.com/watch?v=4OqF7zZ6OLg



photo credit: Repubblika

# Konferenza stampa ta' Dr Robert Aquilina

***President, Repubblika***

**5 ta' Lulju 2021 – Pjazza Ħelsien, Valletta**

Meta ġimgħa u nofs ilu Malta tpoġġiet fuq il-lista l-griża tal-FATF - flimkien maz-Zimbabwe, mal-Panama, mal-Yemen u ma' pajjiżi oħra li qatt ma aspirajna li nkunu assoċjati magħhom - il-Prim Ministru Robert Abela pprova jbellagħha lill-poplu Malti u Għawdxi li t-tort għal dan huwa ta' kulħadd minbarra tiegħu u tan-nies li jiekol il-kirxa magħhom. Kważi kważi, anzi, mingħajr kważi kważi, il-Prim Ministru jippretendi li ngħidulu prosit ta' kemm qed jaħdmu, għal ġieħna!

L-istess għamel - u dan ngħidu b'dispjaċir akbar - il-Kummissarju tal-Pulizija, li qalilna li l-Korp tal-Pulizija għadda mit-test tal-FATF "with flying colours" … jekk ma tridx.

Tismagħhom jitkellmu, tibda taħseb li hemm xi prestiġju li tkun fuq dil-lista griża.

Allura tajjeb naraw x'inhu dax-xogħol tant siewi li għamlu Robert Abela u ta' madwaru. Tajjeb naraw x'għamel ilKummisarju tal-Pulizija biex waslana s'hawn.

Ta' min ifakkar li kif appena sar Prim Ministru, Robert Abela ħatar lil Konrad Mizzi bħala kap tad-delegazzjoni Maltija għall-OSCE. U kieku mhux għax niżżilna n-nies f'din il-pjazza, hemm kien iħallih.

Għamel hekk għax m'għandux is-sinsla u d-diċenza li jimxi ma' dak li nies rashom fuq għonqhom jemmnu li hu sew. Minflok, jimxi skond l-eżiġenzi egoistiċi tiegħu u ta' dawk ta' madwaru. Jimxi u jiddeċiedi skont id-diktat li impona fuqu nnifsu – dak tal-kontinwità. U hekk baqa' jagħmel s'issa.

Hekk għamel fil-konfront ta' Rosianne Cutajar. Meta sirna nafu b'dak li kien hemm bejn Rosianne Cutajar u Yorgen Fenech, żammha fil-kariga ta' segretarja parlamentari. Ma ċaqlaqx seba' wieħed, sakemm aħna għollejna leħinna u ġegħilnieh ineħħiha … 'temporanjament' kienet qaltilna l-Onorevoli Cutajar.

U issa, wara li bir-rapport tal-Kummissarju Hyzler ħareġ iżjed fil-beraħ kemm huma close Rosianne Cutajar u Yorgen Fenech, Robert Abela lanqas għandu d-diċenza li jkeċċiha mill-grupp parlamentari tiegħu. Verament ma jistax ikeċċiha minn deputat, iżda mill-grupp tiegħu jista' ikeċċiha. Jista' iżda ma jridx. Jista' iżda jagħżel li ma jaqdix dmiru. Għal darb'oħra bejn dawk li jagħmlu isem ħażin lil Malta u lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin, Robert Abela jagħżel lil dawk li jagħmlu ħsara lil Malta.

Robert Abela ma jiddejjaq xejn li qribu jkollu persuna daqshekk close ta' l-allegat mandant ta' assassinju ta' ġurnalista. Mhux ta' b'xejn il-komunita' internazzjonali tqis lil Malta bħala problema. Issa bil-wiċċ tost kollu Robert Abela jagħmel kif għamel Joseph Muscat ma' Konrad Mizzi u jippermetti li Rosianne Cutajar tuża l-elezzjoni ġenerali biex mingħaliha titnaddaf mill-ħniżrijiet li wettqet.

Dik li Robert Abela jrid iżomm qribu, dan l-aħħar ħaditha bi kbira għax irrapurtaniha li ppruvat tixtri l-voti b'borża lariġ birritratt tagħha. Ara hi, mhux bil-lariġ titħallas. Il-borża li tagħti hi jkun fiha erba' lariġiet u ritratt, iżda l-borża li tirċievi hi mhux lariġ ikun fiha, imma cash. U mhux ftit cash. Għall-anzjani borża lariġ, iżda għaliha borża cash. U mingħand min jekk jogħġbok!

U kemm konna ilna ngħidu li Edward Scicluna mhux postu fil-Parlament u li għandu jkun investigat bis-serjetà mill-pulizija? Robert Abela baqa' jkaxkar saqajh għal bosta xhur … u meta fl-aħħar Scicluna warrab, għamel hekk biss għax Robert Abela kien ftiehem miegħu li jappuntah Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' pajjiżna. X'ma neħlux mit-test tal-FATF!

U xi ngħidu għall-kuntratti li Joseph Muscat u Robert Abela dejjem żammew mistura u ħallew biss li jkunu pubblikati b'ċensura tipika ta' min għandu x'jaħbi? Robert Abela, urina li int u dawk li tiekol il-kirxa magħhom m'għandkomx x'taħbu. Ippubblika fl-intier tagħhom l-kuntratti kollha li ġew iffirmati mill-gvern mill-2013 sal-lum. Jekk int tassew kommess li teħles lil Malta mill-greylist, agħmel dan bil-fatti, u mhux bil-paroli.

Sena ilu, dak li għażel Robert Abela biex imexxi l-korp tal-pulizija beda x-xogħol tiegħu bħala Kummissarju. Aħna tajna ċans għal xahar, tnejn, tlieta, erba' … għaddiet sena … spiċċatlu l-probation f'dawn il-jiem … u fejn wasalna … x'riżultati għandna f'idejna?

Ftit wara li laħaq Kummisssarju, is-Sur Angelo Gafa' ħabbar li kienet ser tibda prosekuzzjoni ta' każ importanti ħafna. Kulħadd fehem li kien qed jitkellem fuq il-Pilatus Bank u hu ma ċaħadx li kien hekk. Għaddiet sena … smajna b'ħafna skużi għal dan id-dewmien … u bqajna bir-riħa.

L-uniċi prosekuzzjonijiet li rajna fil-Qrati tagħna seħħew għaliex taw frott l-inkjesti maġisterjali mitluba minn Simon Busuttil … dawk li Robert Abela ma riedx u li għamel minn kollox biex iwaqqaf.

U allura tajjeb li issa nibdew niġbdu l-konklużjonijiet tagħna dwar Robert Abela u dwar dawk nominati minnu - l-ewwel fosthom, il-Kummissarju tal-Pulizija.

Meta se tressquh lill-eks ministru John Dalli?

Għaliex ma wasalnix għal prosekuzzjoni dwar il-ħadma ta' 17 Black fil-Montenegro?

Għaliex fuq Keith Schembri mexxjtu biss – u għax kontu mġiegħla - fuq ħwejjeġ li seħħew qabel ma hu kien fil-poter? Għaliex ma ressaqtux quddiem il-ġustizzja lill-korrott Konrad Mizzi?

Fuq is-serqa ta' tliet sptarijiet tal-Maltin, għadkom s'issa iċċassati?

Għaliex dat-tkaxkir tas-saqajn fl-investigazzjoni fuq il-kumpanija MacBridge?

X'qed jagħmlu l-istituzzjonijiet fuq Chris Cardona?

Il-kuntratt tal-Electrogras qegħdin tivestigawh?

Lil Silvio Valletta u lil Lawrence Cutajar ser tħalluhom jiġru barra bħallikieku m'għamlux l-oxxenitajiet li għamlu?

Għaliex f'pajjiżna ħadd għadu ma tressaq il-Qorti fuq il-Panama Papers?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet mar-rebbieħ tal-premju tal-iktar politiku korrott fid-dinja, Joseph Muscat?

Kif tispjegawlna li fuq landa ton taż-żejt hemm min weħel ikla ħabs u lil brigant bħal Joe Cuschieri qed tħalluh jgħaddiha lixxa?

Kif qed jaħdmu l-istituzzjonijiet mal-oħrajn kollha li ssemmew fil-Qorti u fl-inkjesta pubblika?

Kif jirnexxielkom torqdu bil-lejl meta tafu li bin-nuqqas ta' azzjoni tagħkom isem Malta baqa' jitħammeġ mal-erbat irjieħ tad-dinja, u l-postijiet tax-xogħol tal-Maltin u l-Għawdxin tpoġġew f'periklu serju?

Sur Prim Ministru, Sur Kummissarju tal-Pulizija; il-verità hi waħda u ċara għal kulħadd: TAĦTKOM BAQGĦAT TIRRENJA L-IMPUNITÀ.

Taħtkhom żammejna r-rekord dinji tal-pajjiż fejn il-politiċi huma untouchables. Magħkom il-politiċi korrotti għandhom iċ-ċertezza assoluta li l-ebda livell ta' korruzzjoni u kriminalità oħra mhi se twassalhom biex iqattgħu imqar siegħa l-ħabs. Moħħhom mistrieħ bikom li kif qal Evarist Bartolo, they will get away with murder.

Tibqgħux tistmaw lill-poplu b'dan id-diżrispett. Għidulu lill-poplu dak li qaltilkom il-komunità internazzjonali. Għidulu li qalulkom li l-gvern Malti u l-istituzzjonijiet Maltin m'humiex kredibbli fejn tidħol is-saltna tad-dritt, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġustizzja fil-konfront ta' nies fil-politika u dawk qribhom, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

Għajnejn id-dinja qegħdin aktar minn qatt qabel fuq pajjiżna. Pajjiżna għadu meqjus bħala problema, għax hawn il-liġi ma tgħoddx għal kulħadd bl-istess mod. Hawn jekk ikollok il-konnessjonijiet it-tajba, ma jkun jista' għalik ħadd.

Donnu Robert Abela u l-kumplament ta' dak li fadal mill-gvern ta' Joseph Muscat diġa' insew li dsatax-il xahar ilu neżżajna mill-poter Prim Ministru li kien mingħalih li ħadd ma jista' għalih ħadd.

Donnhom diġa' insew li kellhom jaħarbu bħal ġrieden mill-foss tal-parlament. Dakinhar, Robert Abela wkoll rahom żejda l-protesti tagħna. Dakinhar kien qal li ma kellnix intenzjonijiet tajba. Ara hu kellu intenzjoni tajba meta lil sħabu korrotti baqa' jsostnihom bil-vot tiegħu fil-parlament u bid-diskors tiegħu fil-pubbliku.

Dan it-tnawwir rajnieh u ddenunzjajnih aħna ... u rah ukoll ħaddieħor barra minn xtutna ... għalhekk ġejna greylisted. Għal dan il-ħażin la ser iġorr il-konsegwenzi Robert Abela, la Joseph Muscat u l-ebda Kummisarju tal-Pulizija li kellna jew li għad għadna. Għal dan kollu ser ikollhom iħallsu n-nies – il-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Kif qatt Robert Abela seta' jikkonvinċi lill-FATF li f'Malta hawn kollox sew meta bħalissa ... waqt li qed nitkellmu ... hawn ġew hawn Konrad Mizzi u Rosianne Cutajar membri ta' din logħla istituzzjoni ta' pajjiżna?




Kif qatt seta' Robert Abela jikkonvinċi lill-FATF li kellna ngħaddu mill-eżami meta lil Edward Scicluna hu stess għamlu Gvernatur tal-Bank Ċentrali?

Minn fost il-popolazzjoni Maltija kollha, possibbli Edward Scicluna biss kapaċi jkun Gvernatur tal-Bank Ċentrali? Il-verità hi li bejn il-mejjet bil-ġuh Edward Scicluna u l-ħaddiem Malti, Robert Abela jibqa' jagħżel lil Edward Scicluna.

L-istess ngħidu lill-Kummissarju tal-Pulizija. Għandek image ħafna u ħafna u ħafna aħjar minn ta' qablek. Pero' aħna mhux mill-image jinteressana. Aħna riżulati irridu. TAJNIEK IĊ-ĊANS KOLLU ... TAJNIEK IL-BENEFIĊĊJU TAD-DUBBJU ... IŻDA LLUM AĦNA DIŻAPPUNTATI.

Il-fatt hu li f'dan il-parlament għad hawn Konrad Mizzi. U għadu hawn biss għax inti ma qdejtx id-dover tiegħek. Il-fatt hu li Robert Abela jista' jibqa' jkanta d-diska tal-kontinwità għax inti ma ressaqt lil ħadd quddiem il-ġustizzja biex iwieġeb għall-oxxenitajiet li saru taħt u bl-involviment ta' Joseph Muscat.

Lil Robert Abela ma nixbgħu qatt infakkruh li hu Prim Ministru biss għax aħna nżilna fit-toroq u rnexxielna nneħħu lil ta' qablu. Robert Abela, inti Prim Ministru b'riżultat tal-għajta tagħna kontra l-korruzzjoni li wettqu sħabek.

Il-mesaġġ tagħna llum lil Robert Abela, lid-Deputati tal-Gvern, lill-Kummissarju tal-Pulizija, u lil kull min għandu mqar tikka awtorità f'dawn il-gżejjer, hu wieħed: XBAJNA NISTENNEW ... XBAJNA NISIMGĦU SKUŻI ... JEKK TISIMGĦU BISS BL-ISTORBJU TAL-PROTESTI ... SE NERĠGĦU NSEMMGĦUKOM L-ISTORBJU TAL-PROTESTI.